# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru: 49/2009 TA (ġia JA)**

**John Vella**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet illum Awtoritá tal-Artijiet**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat John Vella (l-Attur) preżentat fid-19 ta' Jannar 2009 li permezz tiegħu talab is-segwenti:-

1. ''Illi s-sit magħruf bħala Ta' Sajtar fil-limiti tan-Naxxar ilu fil-pussess tal-esponent għal aktar minn tletin sena u li qablu din il-propjeta' kienet fil-pussess tal-familja tiegħu b'mod li komplessivament tali pussess ilu fis-seħħ għal ċirka sittin sena.

2. Illi l-esponent ġie notifikat b'ordni maħruġ mill-intimat skond l-Att XIV tal-1972 Dwar żgumbrament minn Artijiet li permezz tiegħu l-intimat ordna lill-esponent biex jiżgombra mill-imsemmi sit u biex ineħħi l-propjeta' mobiljarja tiegħu li tinsab fl-istess sit (Dok.A) liema ordni ġiet maħruġa minkejja li kienet saret korrispondenza u li kienu saru laqgħat bejn il-partijiet u anke mal-Uffiċċju Konġunt li kienet qed tikkordina mal-intimat f'dan ir-rigward u minkejja li kienu intbagħtu atti ġudizzjarji u ittri bonarji mill-esponent f'dan ir-rigward aktar qabel b'mod li inter alia l-intimat kien jaf tajjeb li l-esponent kien jinsab fil-pussess tal-

imsemmi sit u li kien qed jikkontendi li huwa kellu titlu ta' propjeta' ta' dan is-sit bil-preskrizzjoni akkwiżittiva.

3. Illi sussegwentement fl-24 ta' Ottubru 2008 l-esponent ippresenta rikors li permezz tiegħu talab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat biex l-istess jinżamm milli jiżgombra lill-esponent minn dan is-sit u milli jneħħi l-oġġetti mobbli li kellu fiħ.

4. Illi fil-kors tal-proċeduri intiżi għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat l-istess allega li l-Gvern kien il-propjetarju ta' dan is-sit u in sosten ta' din it-tesi ressaq xi pjanti qodma allegatament annessi ma żewġ kuntratti antiki li jirrisalu saħansita għall-1745 u l-1888.

5. Illi skond rapport redatt mill- espert ġudizzjarju nominat mill-Qorti kompetenti f'dawk il-proċeduri, apparti il-fatt li uħud mir-ritratti annessi mar-rapport peritali ikkonfermaw li l-esponent kien fil-pussess tal-propjeta' in kwistjoni, konsidrati fil-kuntest ta' korrispondenza bejn l-esponent u l-MEPA li kienet tirrigwarda propju ħajt u xatba li kienu saru mill-esponent numru ta' snin qabel u li jidhru f'dawn ir-ritratti, kif ukoll konsidrati fil-kuntest tal-fatt li dawn ir-ritratti juru inġenji u mobbli oħra ta' propjeta' tal-esponent li kienu jinsabu f'dan is-sit oltre bieb li kien infetaħ mill-esponent ċirka seba' u għoxrin sena qabel u li kien jagħti direttament mill-propjeta' attigwa tal-esponent għas-sit in mertu, it-tesi tal-intimat li kien hemm xi rabta bejn il-propjeta' indikata fil-pjanti annessi mal-kuntratti li kienu ġew esebiti minnu u s-sit in mertu li kien jinsab fil-pussess tal-esponent ġie eskluż stante li l-perit tekniku irrelata li ma kienx f'qagħda li jikkollega l-pjanti annessi mal-imsemmija kuntratti mas-survey sheets uffiċjali u dan kollu kif jirriżulta mill-uniti Dok.B, Dok.C, Dok.D, Dok.E u Dok.F.

6. Illi in effetti r-riżultanzi tal-perit tekniku inkarigat waqt dik il-proċedura huma konfermati minn diversi rapporti redatti mill-Perit tal-esponent li ġew presentati waqt il-proċeduri ġudizzjarji relativi li juru mingħajr ebda dubbju li l-propjeta' indikata fl-imsemmija pjanti m'għandhom ebda konnessjoni mal-propjeta' li l-esponent kien jinsab fil-pussess tagħha.(Dok.G)

7. Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi u senjatament il-fatt li l-intimat ma kellu assolutament ebda provi li jikkonfermaw it-titolarita' tal-Gvern relattivament għal dan is- sit u li l-Gvern ma seta' jivvanta ebda pretenzjoni oħra f'dan ir-rigward l-esponent issokkta fl-opposizzjoni tiegħu li jiżgombra minn dan is-sit u effetivament baqa' ma żgombrax.

8. Illi minkejja s-suespost l-intimat flok istitwixxa proċeduri intiżi biex jirrivendika l-allegat dritt tal-Gvern fuq dan is-sit u se mai f'każ ta' esitu favorevoli jgħaddi għall-iżgumbrament tal-esponent, fl-24 ta' Novembru 2008, għall-insaputa, kontra l- volonta' u għalhekk mingħajr il-kunsens tal-esponent kif rilevat li qatt ma ppreveda li kien ser jiġi żgumbrat mill-intimat inter alia fid-dawl tar-riżultanzi tar-rapport peritali presentat waqt il fuq imsemmija proċeduri, l-addetti tad-Dipartiment tal-Artijiet u terzi, fuq inkarigu tal-intimat u fil-presenza ta' numru ta' Pulizija, biddlu l-katnazz li kien hemm fix-xatba li tagħti għall-propjeta' in mertu u li kienet fil-pussess tal-esponent u daħħlu diversi inġenji fosthom crane u elevaw parti mill-oġġetti mobbli tal-esponent u in oltre imbarraw bil-bricks il-bieb

li l-esponent kien fetaħ f'propjeta' adjenti tiegħu u li kien jagħti għas-sit in mertu kif aktar 'il fuq riferit u dan kif jidher mill-annessi.(Dok.H u .Dok.I)

**9.** Illi dan l-aġir tal-intimat, li evidentement aġixxa biex jieħu b'forza dritt li kien qed jippretendi li l-Gvern għandu, jikkostitwixxi spoll stante li l-esponent safa spussessat b'mod vjolenti u klandestin u għalhekk abusivament, mill-propjeta' in kwistjoni li kienet ilha fil-pussess tal-esponent għal żmien twil kif intqal.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat ikkommetta spoll fil-konfront tal-esponent meta fl- 24 ta' Novembru 2008 l-istess intimat biddel il-katnazz tax-xatba li tagħti għall-propjeta magħrufa bħala Ta' Sajtar fil-limiti tan-Naxxar u meta għalaq bil-bricks il-bieb li kien jagħti mill-propjeta' attigwa tal-esponent għall-istess sit liema sit kien jinsab fil-pussess tal-esponent u meta daħħal numru ta' inġenji bl-iskop li titneħħa l-propjeta' tal-esponent mill-istess sit;

2. Tikkundanna lill-intimat biex jirrintegra lill-esponent fil-pussess ta' dan is-sit billi jiżgombra minnu u dan f'terminu li jiġi lilu prefiss;

3. F'każ li l-intimat jonqos li jagħmel dan fiż-żmien lilu mogħti, tawtorizża lill-esponent biex jirriprendi hu stess il-pussess tal-propjeta' riferita u li jidħol ġo fiha a spejjeż tal-istess intimat.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-protest ġudizzjarju presentat kontestwalment mal-presenti kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni’’.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorita’ tal-Artijiet ġja’ Kummissarju tal-Artijiet (L-Awtorita’ konvenuta) tat-23 ta’ Frar 2009 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:-

**1.** ‘’Illi l-esponent ġie notifikat bir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti fit-2 ta' Frar 2009.

**2.** Illi preliminarjament ir-rikorrent irid iġib prova tat-titolu tiegħu fuq l-art in kwistjoni sabiex jipprova bil-fatti t-teoriji tiegħu.

**3.** Illi, wara li ġie kkonfermat li l-art in kwistjoni hija art tal-Gvern ta' Malta. L-esponent fit-23 ta' Ottubru 2008, a tenur ta' l-Att dwar żgumbrament minn Artijiet (Kap. 228 tal-Liġijiet ta' Malta), informa lir-rikorrent sabiex fi żmien tmienja u erbgħin siegħa ineħħi l-makkinarju u oġġetti oħra mill-art magħrufa bħala Tas-Sajtar limiti tan-Naxxar u biex joħroġ mill-imsemmija art, liema kopja ta' l-Ordni ta' żgumbrament qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. KA1.

**4.** Illi r-rikorrent a kawża ta' din l-ordni istitwixxa proċeduri għal ħruġ ta Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-esponent jiġi mwaqqaf milli jeżegwixxi l-iżgumbrament tar-rikorrent mill-art li hija proprjeta tal-Gvern ta' Malta, liema Mandat ta' Inibizzjoni għandha n-numru 1674/08 JRM.

**5.** Illi din l-Onorabbli Qorti, diversament proseduta, wara li eżaminat id-dokumenti ppreżentati u semgħet ix-xhieda, ċaħdet it-talba tar-rikorrent (kopja tas-sentenza qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. KA2).

**6.** Illi, wara l-imsemmija deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponent ipproċeda bl-iżgumbrament tar-rikorrent mill-art in kwistjoni;

**7.** Illi l-art in kwistjoni, kontrarjament għal dak iddikjarat mir-rikorrent tappartjeni lill-esponent kif huwa kkonfermat minn diversi dokumenti li huma spjegati u annessi ma' din ir-risposta.

**8.** Illi l-art in kwistjoni oriġinarjament kienet tappartjeni lill-Monasteru ta' San Pietru ta' l-Imdina kif ikkonfermat minn żewġ kuntratti fejn tissemma' l- imsemmija Monasteru, wieħed datat 3 ta' Jannar 1745 fl-atti tan-Nutar Ignazio Debono (liema kuntratt huwa anness u mmarkat bħala Dok. KA3) u l-ieħor datat 22 ta' Awwissu 1888 fl-atti tan-Nutar Paolo Vassallo fejn l- art in kwistjoni ġiet mogħtija b'titolu ta' lokazzjoni għal tliet snin lil ċertu Spiridione Galea (liema kuntratt huwa anness u mmarkat bħala Dok. KA4).

**9.** Illi l-anness kuntratt immarkat Dok. KA3 jindika l-art in kwistjoni permezz ta' pjanta li tagħmel parti integra mill-kuntratt.

**10.** Illi dak hawn mistqarr huwa ukoll ikkonfermat mill-ittra datata 5 ta' April 2004, mibgħuta lill-Uffiċju Konġunt mill-Arċidjoċesi ta' Malta, liema ittra qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. KAS.

**11.** Illi l-imsemmi Monasteru ta' San Pietru ta' l-Imdina fid-29 ta' Awwissu 1980 ta l-art in kwistjoni lis-Sur Mario Galea b'titolu ta' qbiela kif ikkonfermat bil-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok. KA6.

**12.** Illi l-art in kwistjoni ġiet trasferita lill-Gvern ta' Malta permezz tal-ftehim bejn il-Kurja Arciveskovili u l-Gvern ta' Malta kif stabbilit mill-Att Dwar Proprjeta ta *Entijiet Ekklesjastiċi* (Kap. 358 tal-Liġijiet ta' Malta) u kif ikkonfermat bl-annessa property form li hija mmarkata bħala Dok. KA7.

**13.** Illi l-imsemmija property form tikkonferma ulterjorament li l-art in kwistjoni kienet proprjeta' tal-Monasteru ta' San Pietru ta' l-Imdina qabel din ġiet trasferita lill-Gvern ta' Malta u li fid-29 ta' Awwissu 1980 din l-art ġiet mogħtija lis-Sur Mario Galea b'titolu ta' qbiela.

**14.** Illi f'ittra datata 2 ta' Marzu 2007, mibgħuta lill-Uffiċju Konġunt mis-Sur Raymond Bonniċi f'isem l-Arċidjoċesi ta' Malta, liema ittra qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. KA8, l-Uffiċju Konġunt ġie nformat li ċertu Alfred Vella u Maria Mangion kienu iffirmaw konvenju datat 13 ta' Settembru 1989 mas-Sorijiet Dumnikani dwar l-art in kwistjoni (liema konvenju qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala Dok. KA9) iżda meta l- imsemmija Sorijiet ikkonfermaw li l-art in kwistjoni ma tappartjenix lilhom huma rrifjutaw li jiffirmaw il-kuntratt ta' bejgħ.

**15.** Illi l-imsemmi Alfred Vella u Maria Manġion inizjaw proċeduri legali kontra l-imsemmija Sorijiet sabiex huma jersqu għal-kuntratt ta' bejgħ liema proċeduri kellhom iċ-Ċitazzjoni Numru 22/1990.

**16.** Illi l-konvenuti, jiġifieri s-Sorijiet Dumnikani, fl-imsemmija kawża kkonfermaw li huma m'humiex proprjetarji ta' l-art in kwistjoni kif huwa kkonfermat fid-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 1996, liema deċiżjoni qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. KA10 u għalhekk l-imsemmija Qorti ikkonfermat id-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn iddeċidiet li l-atturi kellhom jippreżentaw id-dokumenti meħtieġa biex jistabilixxu t-titolu tal-konvenuti.

**17.** Illi l-imsemmija kawża fl-20 ta' Jannar 2005 tħalliet sine die għaliex, fost raġunijiet oħra, ma deher ħadd għall-kawża, kif ikkonfermat mill-verbal hawn anness u mmarkat bħala Dok. KA11.

***18.*** Illi din l-Onorabbli Qorti, diversament proseduta, fid-deċiżjoni fl-imsemmija Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1674/08 JRM, meta ikkunsidrat il-punt dwar il-preskrizzjoni akkwiżittiva t-twila osservat sewwa meta hija qalet:*''il-Qorti tqis li r-rikorrent naqas milli juri mqar fuq il-livell tal-prima facie dan il-jedd tiegħu fuq l-art in kwestjoni. L-allegazzjoni tar-rikorrent dwar din iz-zamma titwaqqa' bil-prova li xi ħaddieħor mill-familja tiegħu stess, fl-1989, daħal fatt ta konvenju biex jixtri l-istess art. Min hu dak is-sid li jqis ruhu tali u li fl-istess nifs jidħol f'konvenju biex jikseb art li, suppost hija tiegħu diga'?"*

***19.*** Illi sabiex jiġi iktar emfasiżżat il-punt li r-rikorrent daħal u okkupa din l-art tal-Gvern ta' Malta abbużivament u bla titolu hemm ukoll ittra datata 26 ta' Jannar 2009, indiriżżata lill-esponent mingħand is-sur Mario Galea, li ssemma iktar 'il fuq peress li huwa kien ingħata l-art in kwistjoni b'titolu ta' qbiela, fejn huwa jikkonferma li r-rikorrent, li huwa u l-familjari tiegħu huma magħrufa bħala *Ta' Maħmaħ*, daħlu fl-għalqa in kwistjoni u għamluha tagħhom u b'mod abbużiv kisru kull ma kien hemm fosthom siġar, bir, kmamar ta' l-għodda u oġġetti oħra, liema kopja ta' l-ittra qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. KA12.

***20.*** Illi mid-dokumenti ppreżentati jidher ċar li l-art in kwistjoni tappartjeni lill-Gvern ta' Malta kif spjegat iktar 'il fuq u kif se jiġi kkonfermat waqt it- trattazzjoni ta' din il-kawża u għalhekk il-pretensjonijiet tar-rikorrent ma jistawx jiġu milqugħa.

***21.*** Għaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-isepjjeż kontra r-rikorrent.

***22.*** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri''.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Diċembru 2018 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-Attur għall-allegazzjoni tal-proċess u l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1674/08JRM fl-ismijiet John Vella -vs- Kummissarju tal-Artijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-Erbgħa 13 ta' Lulju 2022 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-perit legali u tal-perit tekniku billi naqsu milli jagħmlu r-rapport tagħhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Jannar 2023 fejn il-partijiet qablu li qed jirrimettu rwieħhom għall-atti u l-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza;

**<u>Punti ta' fatti</u>**

Il-kawża tikkonċerna sit magħruf bħala Ta' Sajtar fil-limiti tan-Naxxar.

L-Attur jallega li dan is-sit ilu fil-pussess tiegħu "*għal aktar minn tletin sena u li qablu din il-proprjetá kienet fil-pussess tal-familja tiegħu b'mod li komplessivament tali pussess ilu fis-seħħ għal ċirka sittin sena.*" (ara l-ewwel premessa).

Fit-23 ta' Ottubru 2008, l-Intimat ħareġ fil-konfront tal-Attur Ordni ta' Żgumbrament skont l-Att tal-1972 dwar Żgumbrament tal-Artijiet, jiġifieri skont il-Kap 228. Dan il-Kap huwa llum imħassar bl-artikolu 84 tal-Att Nru XVII tal-2017. Is-subartikolu 3 tal-istess artikolu madanakollu jipprovdi li regolamenti magħmulin taħtu "*għandhom jibqgħu fis-seħħ bħalli kieku magħmulin taħt id-dispożizjoni korrispondenti ta' dan l-Att.*"

Permezz tal-imsemmija ordni, l-Attur ġie mogħti 48 siegħa minn notifika tal-istess "*biex tneħħi l-makkinarju u oġġetti oħra li inti għandek fl-art*".

Fl-24 ta' Novembru 2008 l-konvenut biddel il-katnazz li kien hemm fix-xatba li tagħti għall-proprjetá in mertu, daħħal diversi inġenji u imbarra bil-bricks il-bieb li l-Attur kien fetaħ f'proprjetá adjaċenti u li kien jagħti għas-sit in mertu (ara premessa numru 8).

Permezz ta' din l-azzjoni, l-Attur qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-aġir tal-Intimat kommess fl-24 ta' Novembru 2008 jikkostitwixxi spoll fil-konfront tal-Attur.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

Il-liġi tirregola din l-azzjoni permezz tal-Artikolu 535 tal-Kap. 16 u l-artikolu 791 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Kif insenjat, f'azzjoni bħal din *"'ma ghandux jitqies hlief il-pussess jew detenzjoni tal-ispoljat u l-ispoll tal-ispoljatur" ("Salvatore Abela –vs Gisueppe Barbara", Prim'Awla, Qorti Civili, 27 ta' Frar 1946, a Vol XXXII pII p238). Huwa ghalhekk li l-ligi (Art 791 (a) Kap 12) u d-dottrina legali ma jippermettux f'kawza ta' din ix-xorta hlief eccezzjonijiet dilatorji. Dan ghaliex l-obbjettiv taghha huwa t-tutela tal-pussess. Huwa dan illi jaghmilha differenti mill-azzjoni petitorja fejn il-fondament u l-iskop taghha huma r-rikonoxximent u t-tutela tad-dritt ("Generoso Cutajar –vs Emmanuele Cutajar", Prim'Awla, Qorti Civili 22 ta' Ottubru 1953). Huwa ghalhekk li l-gurisprudenza tipprojbixxi l-kumulu taz-zewg azzjonijiet: dik possessorja u dik petitorja ("Massa –vs- Padre Angelico Pace noe", Appell*

*Civili, 27 ta' Mejju 1912; "Paul Buttigieg –vs Raymond Buttigieg", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000). Kif jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Maria Dolores Mifsud –vs- Michele Galea", Appell, 29 ta' Marzu 1957, "l-azzjoni possessorja privileggjata tipprexxindi mit-titolu tal-proprjeta`". Dan ghaliex "kellu jew ma kellux drittijiet dominikali dak il-pussess jaghtih dritt li jezercita l-azzjoni possessorja privileggjata; salv kull xorta ta' azzjoni petitorja li jista' jkollu l-konvenut, li hija ezercibbli b'kawza ohra, 'si et quatenus'." Difatti jinsab ritenut ukoll illi f'azzjoni ta' din in-natura "l-ispoljant ma jistghax jirrispondi 'in difesa' li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagini tal-legittimita` jew le hija rizervata ghall-gudizzju petitorju". ("Alfredo Delia – vs- Bonoventura Schembri et", Prim'Awla, Qorti Civili, 4 ta' Frar 1958). Dan igib bhala konsegwenza illi "f'materja ta' spoll ma tistax tigi permessa ebda eccezzjoni qabel ma jigi reintegrat l-ispoll ("spoliatus ante omnia restituendus") – ("Vincenza Sammut et –vs- Salvatore Camilleri", Prim'Awla, Qorti Civili, 19 ta' Novembru 1952). Tibqa' dejjem valida l-enuncjazzjoni tal-Qorti illi l-artikolu tal-ligi (Art 535 (1) tal-Kodici Civili) li jikkontempla l-azzjoni de qua huwa ta' ordni pubbliku u ghalhekk din l-azzjoni "hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita` socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pusses, u jigi impedut lic-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat" – "Margherita Fenech –vs- Pawla Zammit", Prim'Awla, Qorti Civili, 12 ta' April 1958."* (**Nicholas Micallef vs Henry Pace, 31 ta' Jannar 2003, Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Jannar 2003**).

Kif ripetutament imfisser mill-Qrati tagħna, għall-eżerċizzju b'suċċess ta' din l-azzjoni jeħtieġ li jiġu sodisfatti tlett elementi klassiċi u dawn huma:

(1) L-Attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse)*;

(2) Li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(3) Li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll (*infra bimestre deuxisse*) (ara fost oħrajn **John Micallef et vs Francis Fava et, Qorti tal-Appell, 25 ta' Settembru 2006**). Dan it-terminu huwa wieħed ta' dekadenza u għalhekk lanqas biss huwa suġġett għar-regoli tal-preskrizzjoni (ara fost oħrajn **Alfred Paul Farrugia nomine -vs- Peter Paul Cutajar**, **Qorti Ċivili Prim' Awla 13 ta' Frar 2004 u Georgina Borg vs Errol Cassar et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 21 ta' Ottubru 2002**).

**Konsiderazzjonijiet**

Jirriżulta li l-aġir tal-Awtorita' konvenuta fl-24 ta' Novembru 2008 seħħ in eżekuzzjoni tal-Ordni ta' Żgumbrament skont is-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 3(1) tal-Kap 228 tal-liġijiet (ara a' fol 61).

Dan l-artikolu tal-liġi jiddisponi hekk:

> *(1) Il-Kummissarju, jekk fil-fehma tiegħu jkun hekk meħtieġ jew spedjent li jagħmel, jista' fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu jordna l-iżgumbrament ta' kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna mingħajr ebda titolu jew li tkun mogħtija b'encroachment jew, f'każ ta' art li minn żmien għal żmien tkun ġiet speċifikata skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju*

*tal-Artijiet, meta jkun skada l-perjodu ta' żmien speċifikat f'kuntratt li jkun jagħti titolu, u t-tneħħija minn hemm ta' kull oġġetti mobbli, fi żmien speċifikat fl-ordni u jista' għal dak il-għan jagħti dawk id-direttivi li fil-fehma tiegħu jkunu meħtieġa biex kull ordni bħal dak jiġi eżegwit bl-anqas dewmien possibbli:*

*Iżda d-disposizzjonijiet tal-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili ma jkunux japplikaw għal ordnijiet ta' żgumbrament maħruġin skont is-subartikolu (1).*

*Iżda wkoll ordni ta' żgumbrament li jkun ġie hekk maħruġ ma għandux jikkostitwixxi eżerċizzju arbitrarju ta' drittijiet pretiżi skont l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali".* (Emfażi tal-Qorti).

Dan ġara minħabba li skont l-Awtorita konvenuta, l-Attur kien qed jokkupa l-art mingħajr ebda titolu (ara eċċezzjonijiet sollevati mill-Intimat fir-Risposta a' fol 56 u dokumenti hemm annessi). Issa importanti li jiġi rilevat, li b'din il-Kawża, l-Attur ma huwx jattakka r-ritwalita' jew li jipprova jannulla l-ordni. L-anqas ma huwa jipproponi r-rivendika tal-art taħt artikolu 322(1) tal-kodiċi Ċivili.

L-Attur għażel li jagħmel kawża possessorja u mhux petitorja. Jingħad li f'kawżi bħal dawn, il-Qrati ma għandhomx jidħlu fil-petitorju, u dan jgħodd kemm fil-konfront ta' min qiegħed jagħmel il-Kawża u anke ta' min qiegħed jiddefendiha. Kienet l-għażla tal-Attur li jesperita azzjoni u mhux oħra u l-Qorti hija marbuta li tikkonsidra t-talbiet skont l-azzjoni proposta. (Ara **Sentenza tat-28 ta' April 2017 fl-ismijiet JPG Aluminium Extrusions Limited -vs- Malta Industrial Parks Limited, Qorti tal-Appell**)

Il-proviso tal-Kap 563 tal-liġijiet ta' Malta jipprovdi b'mod esspress li d-"*disposizzjonijiet tal-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16. ma jkunux japplikaw għal ordnijiet ta' żgumbrament maħruġin skont is-subartikolu (1).*"Ladarba l-aġir tal-Awtorita' konvenuta sar bis-saħħa ta' liġi li speċifikament tipprekludi l-applikazzjoni tal-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, dan ma jista' qatt jikkostitwixxi spoll fil-konfront tal-Attur.

Isegwi għalhekk li din l-azzjoni hija improponibbli u issir referenza għas-Sentenzi fl-ismijiet **E.M. Bonnici & Sons Company Limited -vs- Kummissarju tal-Artijiet, Qorti tal-Appell, 26 ta' Jannar 2022 para 30** u kif ukoll **dik fl-ismijiet Joseph Attard -vs- Il-Kummissarju tal-Artijiet, Qorti tal-Appell, 27 ta' Mejju 2016** fejn fost oħrajn intqal hekk :

*Fil-kaz in ezami, l-intimat appellat ma qabadx u zgombra lill-appellant minghajr ma segwa l-provvedimenti tal-Artikolu 3 tal-Kap. 228 gia` imsemmi; kieku ghamel hekk kien ikollu ragun l-appellant jilmenta mis-sentenza tal-ewwel Qorti. Il-fatti li johorgu mill-atti tal-kawza jghidu mod iehor. L-istess appellant fir-rikors tal-appell jghid hekk;*

*"35. Illi fl-umli fehma tal-appellanti, sabiex l-appellat jkollu diskrezzjoni assoluta li johrog ordni ta' zgumbrament taht dan l-Artikolu irid ikun hemm wahda minn tlett cirkostanzi, liema cirkostanzi johorgu mill-istess Artikolu li huma s-segwenti:*

*"1. Jekk persuna tkun qed tokkupa art minghajr ebda titolu*

*"2. Jekk persuna tkun qed tokkupa art b'enroachment*

*"3. Jekk persuna tkun qed tokkupa art li minn zmien ghal zmien tkun giet specifikata skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-*

*Kummissarju tal-Artijiet, jkun skada l-perjodu ta' zmien specifikat f'kuntratt li jkun jaghti titolu."*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti fl-istadju li l-appellat talab l-ordni ta' zgumbrament l-appellant ma kienx ghad baqalu titolu tal-okkazzjoni u allura l-argument tieghu jfalli anke mad-daqqa t'ghajn."* (Ara wkoll **Maria Regina Granata v. Il-Kummissarju tal-Artijiet, Qorti tal-Appell, 27 ta' Mejju 2016 u l-każistika hemm senjalata**).

Permezz tal-art 7(2)(a) tal-Kap 563 tal-liġijiet ta' Malta, l-Awtorita' tal-Artijiet wirtet lill-Kummissarju tal-Artijiet anke fir-rigward ta' kull ordni li nħarġet mill-Kummissarju bis-saħħa tal-Kap 228 tal-Liġijiet ta' Malta. It-tisħiħ u konferma ta' kull ordni bħal dik ta' żgumbrament, jemerġu wkoll minn artikolu 66 tal-kap 563 tal-Liġijiet ta' Malta li nvia ta' transizzjoni jistipula s-segwenti:

*"66.(1) Kull ordni, regola, regolament, ordinament, avviż jew strument ieħor li jkollu l-forza ta' liġi magħmula taħt l-awtorità ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet elenkati fl-artikolu 7 jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att <u>għandhom jibqgħu fis-seħħ u għandhom jibqgħu jkollhom effett daqs li kieku magħmula taħt dan l-Att</u> u jistgħu jiġu emendati, sostitwiti jew revokati skont il-każ.*

(2) *Kull permess, awtorità <u>jew ordni</u> mogħtija jew magħmula taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet elenkati fl-artikolu 7 jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att u li jkunu għadhom fis-seħħ minnu fih qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att <u>għandhom minn dik id-data jibqgħu fis-seħħ</u> bħal li kieku kienu*

*permess, awtorità jew ordni mogħtija jew magħmula taħt dispożizzjoni korrispondenti ta' dan l-Att u dak il-permess, awtorità jew ordni kif intqal qabel għandhom jiġu ttrattati u jsir minnhom skont hekk."* (Emfażi tal-Qorti).

Fl-aħħar nett, anke għal korrettezza tal-fatti, il-Qorti tħoss li għandha tosserva, li fil-waqt li l-Attur qiegħed jistrieħ fuq il-preskrizzjoni akkwisitiva, talinqas hekk jgħid fil-mandat ta' inibizzjoni allegat u hekk bħal donnu jgħid fl-ewwel premessa tar-rikors ġuramentat. L-Awtorita' konvenuta minn naħa l-oħra pproduċiet dokumenti, li jindikaw li din l-art hija tagħha (ara dok a' fol 25, 65 u 46 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni).

Biżżejjed jingħad li din l-art ingħatat bi qbiela mill-Monasteru ta' San Pietru fid-29 ta' Awwissu tal-1980 li sat-18 ta' Frar 1993 kienet għadha imqabbla lill-istess u ċioe' Mario Galea. (ara a fol 44 u 46 tal-Atti tal-mandat ta' inbizzjoni numru 1074/08 allegat ma' l-atti ta' din il-Kawża). Għalhekk biss, din il-Qorti ma tistax tara kif qatt jista' jreġġi t-titolu vantat mill-Attur, skont kif jgħid f'dan il-mandat. Biex ma jingħadx ukoll, li meta l-Attur għamel il-ftehim tat-13 ta' Settembru 1989 huwa kjarament iddimostra, li jekk qatt kien qiegħed jipposjedi, ma kienx qiegħed jagħmel hekk *animo domini* għax kien qiegħed jirrikonoxxi li ma hux is-sid b'hekk anke kiser kull preskrizzjoni. Għalhekk, l-Attur ma hux f'posizzjoni li jipprova univokament li ppreskriva favuriħ it-titolu.

Dan ifisser li t-talbiet Attriċi ser ikunu miċħuda peress li huma infondati fid-dritt.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **tiċħad it-talbiet Attriċi**

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mill-Attur.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**